MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-15 ta' Frar, 2023

Appell Inferjuri Numru 68/2022 LM

**Jonathan Ferris (K.I. nru. 255473(M))**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Av. Dr. Peter Grech fil-kwalità tiegħu bħala *Chairman* u in rappreżentanza tal-Financial Intelligence and Analysis Unit u b'digriet datat 9 ta'Novembru, 2020, minflok Av. Peter Grech għandu jkun hemm Jesmond Gatt**
*('l-appellat nomine')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Jonathan Ferris (K.I. nru. 255473(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] mid-deċiżjoni [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] fit-30 ta' Mejju, 2022, fil-Kwistjoni tax-Xoghol nru.

3579/MF, fejn it-Tribunal iddeċieda billi ċaħad ir-rikors tiegħu, stante li ma sabx li ġiet kommessa diskriminazzjoni fil-konfront tiegħu mill-intimat **Av. Dr. Peter Grech fil-kwalità tiegħu bħala *Chairman* u in rappreżentanza tal-Financial Intelligence and Analysis Unit u b'digriet datat 9 ta' Novembru, 2020, minfloku daħal Jesmond Gatt** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat nomine']. It-Tribunal iddeċieda li l-ispejjeż kellhom jitħallsu mill-partijiet ugwalment.

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-proċeduri odjerni jirrigwardaw it-tkeċċija tal-appellant mill-impjieg tiegħu mal-appellat nomine fis-16 ta' Ġunju, 2017[1], u dan waqt li kien għaddej it-terminu tal-*probationary period*.

**<u>Mertu</u>**

3. Ir-rikorrent għalhekk istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal fl-1 ta' Awwissu, 2017 permezz ta' rikors, fejn talab lill-imsemmi Tribunal sabiex:

> *"1. Jiddikjara illi t-tkeċċija tar-rikorrenti jikkostitwixxi trattament diskriminatorju bi ksur tal-liġi partikolari b'referenza partikolari għal trattament mhux aċċettabbli f'soċjetà demokratika.*
>
> *2. Jiffissa kumpens skont il-liġi".*

4. L-appellat nomine wieġeb fil-15 ta' Settembru, 2017 fejn issottometta li t-talbiet tal-appellant kellhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom għal dawk ir-

[1] Ara Dok A *a fol.* 3 tal-atti tat-Tribunal.

raġunijiet li huwa fisser fit-tweġiba tiegħu, u dan bl-ispejjeż kontra l-istess appellant.

**Id-deċiżjoni appellata**

5. Dawn huma l-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal li wasluh għad-deċiżjoni tiegħu:

> ***"KO***
> ***NSIDERAZZJONIJIET***
>
> *It-Tribunal evalwa x-xhieda kollha, eżamina n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet, u kkonkluda hekk;*
>
> *Fl-ewwel lok it-terminazzjoni saret waqt il-*probation period *għalhekk kien intitolat li jkeċċi lil Jonathan Ferris. Ukoll ma tax raġuni li għalhekk ma setgħetx tiġi kkontestata. Però l-istess Jonathan Ferris allega d-diskriminazzjoni.*
>
> *It-Tribunal huwa obbligat li jidħol f'din it-talba u jara jekk kienx hemm diskriminazzjoni.*
>
> *It-Tribunal jikkonkludi però li ma kien hemmx diskriminazzjoni. Jonathan Ferris kien l-uniku Manager gewwa FIAU u għalhekk hija aktar problematika sabiex jiċċekkja jekk kien hemm xi diskriminazjoni. Irriżulta li Jonathan Ferris kien inkarigat b'diversi nkarigi u beda jinvestiga dawn il-każijiet. Ukoll intbagħat barra minnn Malta sabiex jattendi xi* training *u beda jikkonkludi x-xogħol tiegħu.*
>
> *Għalhekk dan it-Tribunal jikkonkludi li ma sabx diskriminazzjoni fil-konfront tiegħu".*

**L-Appell**

6. Ir-rikorrent ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fit-8 ta' Ġunju, 2022, fejn talab lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li d-deċiżjoni appellata hija nulla, u sabiex tordna li l-atti għandhom jintbagħtu lura lit-Tribunal, diversament ippresedut,

li għandu jeżamina u jiddeċiedi l-aspetti kollha tal-każ, inkluż dawk injorati mit-Tribunal.

Jgħid li l-aggravji tiegħu huma s-segwenti: (a) it-Tribunal naqas li japprezza dak li tfisser u dak li jagħmel 'diskriminazzjoni' skont id-dritt tax-xogħol; (b) it-Tribunal, wara li ra li l-appellat nomine kien issa qed jgħid li kellu raġunijiet tajba u suffiċjenti li jkeċċi lill-appellant, naqas milli jitlob lill-appellat nomine sabiex jissostanzja r-raġunijiet għat-tkeċċija tiegħu, u għaliex l-appellant ma kienx ġie soġġett għal proċess dixxiplinarju xieraq; (ċ) kien jispetta lill-appellat nomine li jressaq prova li ma kienx hemm diskriminazzjoni; u (d) it-Tribunal naqas li jinvestiga l-każ kif kien jixraq.

7. L-appellat nomine wieġeb fil-24 ta' Ġunju, 2022, fejn sostna li d-deċiżjoni appellata hija waħda ġusta u għalhekk timmerita li tiġi konfermata, u dan filwaqt li spjega r-raġunijiet tiegħu għal dan.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

8. Il-Qorti ser tgħaddi qabel xejn sabiex tistħarreġ jekk hijiex ġustifikata s-sottomissjoni tal-appellat nomine li l-appell odjern ma sarx skont id-disposizzjonijiet tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, liema subartikolu jagħti dritt ta' appell biss fuq punt ta' liġi.

9. Tibda billi tikkunsidra l-ewwel aggravju tal-appellant, fejn qiegħed jikkontendi li t-Tribunal m'apprezzax x'inhuwa diskriminatorju skont il-Kap. 452, u jgħaddi sabiex jiċċita d-definizzjoni ta' 'trattament diskriminatorju' skont kif jipprovdi l-artikolu 2 ta' dik il-liġi. Is-sottomissjonijiet tiegħu li jsegwu jittrattaw

il-kariga li huwa kellu matul l-impjieg mal-appellat nomine, u l-allegat trattament diskriminatorju li huwa rċieva mingħand dan tal-aħħar. Il-Qorti ma tagħraf l-ebda punt legali li ġie dibattut hawnhekk, fejn saħansitra s-sottomissjonijiet magħmula mill-appellant huma kollha dwar il-mertu tal-każ tiegħu.

10. It-tieni aggravju tal-appellant huwa li t-Tribunal allegatament straħ fuq dak li fehem, mingħajr ma eżiġa li l-appellat nomine jissostanzja r-raġunijiet tiegħu għat-tkeċċija tal-imsemmi appellant, u b'hekk wasal għall-konklużjoni li l-appellant ma rnexxilux juri li kien hemm diskriminazzjoni. Il-Qorti hawnhekk ukoll ma ssibx li l-appellant qiegħed iqajjem xi punt legali li jista' jiġi ttrattat f'dawn il-proċeduri. Il-lanjanza tiegħu tibqa' dejjem waħda fil-mertu u jekk huwa ma qabilx mal-mod kif mexa t-Tribunal, dan ma jfissirx li l-istess Tribunal addotta proċedura legalment skorretta. L-appellant hawnhekk mhux qed jagħmel l-ebda riferiment għal xi punt legali proċedurali partikolari, u l-Qorti tikkunsidra li t-Tribunal ma kien taħt l-ebda dover li jordna lill-appellat jissostanzja ir-raġunijiet tiegħu għat-tkeċċija tal-appellant. Kien jispetta biss lill-appellat nomine li jagħżel kif jimxi u t-Tribunal kellu jimxi, kif fil-fatt għamel, fuq il-provi u s-sottomissjonijiet li kellu quddiemu.

11. It-tielet aggravju pjuttost ikompli fuq dak ta' qablu. Hawnhekk l-appellant jissottometti li ġaladarba huwa kien qed jallega d-diskriminazzjoni, kien jispetta lill-appellat nomine li jressaq prova kuntrarja. Jikkontendi li l-oneru tal-prova hawnhekk kien fuq il-prinċipal, imma t-Tribunal deherlu li l-oneru kien jaqa' fuq l-impjegat. L-appellant juri kif hu ma kienx qed jaqbel mar-raġunijiet imfissra

mill-appellat nomine għat-tkeċċija tiegħu, sabiex b'hekk għal darb'oħra l-aggravju tiegħu jolqot biss il-mertu u l-ebda punt ta' liġi.

12. Fl-aħħar aggravju tiegħu, l-appellant jikkontendi li t-Tribunal naqas li jikkunsidra l-każ bil-mod li kien jixraqlu u jallega nuqqas ta' motivazzjoni fid-deċiżjoni. Il-Qorti tqis li jekk l-appellant mhuwiex kuntent bil-mod li t-Tribunal investiga l-każ tiegħu, dan jikkostitwixxi biss diverġenza fl-opinjoni, u ma jagħtix lok għal appell stante li jolqot il-mertu, iżda ma jirrileva l-ebda punt ta' liġi. Iżda ma jistax jingħad l-istess jekk l-appellant qed isostni wkoll li huwa mhux konvint li t-Tribunal tassew ikkunsidra l-argumenti u s-sottomissjonijiet tiegħu kollha, jew fejn l-appellant qed jikkontendi li t-Tribunal naqas li jagħti motivazzjoni suffiċjenti fid-deċiżjoni appellata. Wara li qrat il-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal li wasluh għad-deċiżjoni finali tiegħu, il-Qorti ma tistax ma tagħtix raġun lill-appellant, u tgħid saħansitra li l-ftit motivazzjoni li ta t-Tribunal hija pjuttost nebuluża. Filwaqt li tieħu in konsiderazzjoni dak li jipprovdi r-regolament 12 tal-L.S.452.18, u tagħraf li l-liġi ma tirrikjedix mingħand it-Tribunal motivazzjoni dettaljata, tgħid li l-motivazzjoni mfissra mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata tonqos milli tissodisfa dak rikjest mil-liġi, tant kemm hija fqira u tonqos mill-ċarezza. Bl-ebda mod ma ġew imfissru is-sottomissjonijiet tal-appellant u dawk tal-appellat nomine, għajr b'mod xott xott li l-appellant qed jallega d-diskriminazzjoni fit-tkeċċija tiegħu min-naħa tal-appellat nomine, u wisq inqas li kien qed jieħu l-istess argumenti in konsiderazzjoni. Il-Qorti tikkunsidra li l-każ kien jistħoqqlu iktar attenzjoni fid-deċiżjoni appellata, u ċertament ma jistax jingħad li d-deċiżjoni appellata tissodisfa l-grad aċċettabbli kif stabbilit mil-liġi.

13. Għaldaqstant il-Qorti ssib dan l-aħħar aggravju ġustifikat u tilqgħu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddeċiedi billi tilqa' l-appell odjern, u filwaqt li tiddikjara id-deċiżjoni appellata nulla u bla effett, tordna li l-atti jintbagħtu lura lit-Tribunal sabiex jieħu in konsiderazzjoni dak kollu li qalet il-Qorti f'din is-sentenza, u jiddeċiedi l-każ skont kif jirrikjedi s-subregolament 12 tal-L.S. 452.18.**

**L-ispejjeż tal-appell odjern għandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**